# QORTI TA' L-APPELL

## (Appell mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 24 ta’ April, 2001.**

**Numru 1**

**Avviz numru 99/97**

**Romina Vella**

**vs**

**Ronald Cachia (Phoenicia Laundry & Dry Cleaning)**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi moghtija fid-9 ta’ Gunju 1998, liema decizjoni taqra kif gej:-

> “It-Tribunal,
>
> Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fl-1 ta’ Settembru 1997, fejn ir-rikorrenti talbet refund ta’ hamsa u hamsin lira Maltin (Lm55) rapprezentanti danni subiti fuq suit.
>
> L-intimat pprezenta risposta ghal din it-talba.
>
> Illiwara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimat li huwa l-istess intimat u John

Sammut l-espert imqabbad mit-Tribunal u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra s-segwenti :-

1. Illi r-rikorrent hadet libsa ghad-dry cleaning ghand id-ditta intimata u wara li giet lura kellha difeti li jinkludu buttuni mhassrin, kfief miftuqin u l-libsa nxtorbot.

2. L-intimat issottometta illi l-process tad-dry cleaning kien sar skond sengha u arti u skond il-prattika applikabbli ghall-kaz u ghalhekk m'ghandux ikun responsabbli ghad-danni.

3. It-Tribunal jinnota illi x-xhieda ta' l-espert John Sammut hija relevanti hafna fejn ikkonkluda illi dan il-materjal tal-libsa jekk hu soggett ghal procedura normali tad-dry cleaning ma jinxtorobx. Il-kfief miftuqin, ukoll ikkonkluda l-espert, li jekk huma soggetti ghal procedura tad-dry cleaning ma jinxtorobx. Ghal rigward il-buttuni minhabba li biddlu l-kulur l-espert ikkonkluda illi jista' jindika l-process tad-dry cleanig ma kienux normali.

4. It-Tribunal ihoss illi b-xhieda ta' John Sammut wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li l-procedura tad-dry cleaning ma kienitx daqshekk normali.

Ghal dawn il-motivi :-

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna l-intimat ihallas l-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Minn dik id-decizjoni appella l-intimat Ronald Cachia ghall-Phoenicia Laundry & Dry Cleaning u bhala General Manager taghha permezz ta' rikors tal-appell prezentat fit-3 ta' Lulju 1998, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni minnu appellata billi tilliberah minn kull responsabbilita' rigwardanti l-process tad-dry cleaning tal-libsa in kwistjoni occorendo wara li – jekk ikun il-kaz – l-espert jigi konfrontat minn Ronald Cachia u x-xhieda tieghu biex ikun jaf kif u taht liema sistema u cirkostanzi sar il-process ta' dry cleaning, peress li minghajr

din l-informazzjoni teknika l-espert ma jistax jasal biex jaghti gudizzju tekniku (jekk ghandu l-kwalifiki u l-abilita' li jtieh), b'li spejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

Giet prezentata risposta ghall-appell mill-appellata Romina Vella fl-10 ta' Lulju 1998, li biha apparti li ssollevat il-kwistjoni ta' l-appellabilita' talbet ir-rigett tal-appell, bl-ispejjez.

Sussegwentement, fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti kien gie eccepit ukoll li l-appell huwa null minhabba li gie prezentat tardivament pero', kif jirrizulta mill-atti processwali din l-eccezzjoni giet irtirata permezz ta' nota fit-13 ta' Awissu, 1999.

Huwa evidenti illi l-ewwel kwistjoni li trid tigi dibattuta, konsidrata u deciza hija l-kwistjoni tal-appellabilita'. Dana minhabba illi skond l-artikolu 22 (2) tal-Kap 378, appell jista' jsir biss meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min appella. Imbaghad l-istess disposizzjoni tipprovdi illi meta l-Qorti tal-Appell taqta' li l-appell ikun fondat u gustifikat, din ghandha thassar id-decizjoni tat-Tribunal u ghandha hi stess taqta' t-talba originali u kull kontro-talba skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21.

Ifisser dan li anke jekk stess din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi t-Tribunal ma jkunx mexa skond id-dettami tal-gustizzja naturali u li dik l-

azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta'min jappella, meta tigi biex taqta' l-mertu, hija stess, kuntrarjament ghal dak li jigri f'appelli ohra, ghandha taqta' l-kwistjonijiet devoluti lilha f'din il-kawza u ohrajn bhalha "skond kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita' – salv s'intendi jekk ikun hemm kwistjoni ta' preskrizzjoni li ghandha tinqata' skond il-ligi. Din il-Qorti wkoll kuntrarjament ghal dak illi jigri fil-kazijiet l-ohra normali li jkollha quddiemha bhala Qorti tal-Appell, tista' wkoll f'kazijiet bhal dan takkorda anke d-danni morali ghal kull hsara, deni, ansjeta' u konvenjenza li l-konsumatur ikun bata tort tal-azzjoni tal-intimat.

Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-gharef difensur tal-appellant ghamel diversi sottomissjonijiet intizi biex jindika u jikkonvinci lil din il-Qorti illi fl-applikazzjoni ta' x'temmen illi hi "dettami tal-gustizzja naturali", hija m'ghandhiex thossha ristretta ghal dak li komunament, u tradizzjonalment gie miftiehem li jfissru dawn il-kliem u cioe' l-principju nemo udex in kawza proprja u tal-audi alteram partem imma ghandu jigi estiz biex ikopri kull aspett ta' gustizzja.

Din il-Qorti tapprezza hafna dak illi ssottometta d-difensur tal-appellant u l-fatt illi hu pprova jidhol fil-fond f'din il-kwistjoni, pero' hu l-kaz li din il-Qorti taghmilha cara illi, fil-kaz tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi, m'ahniex qeghdin nitkellmu fuq Qorti, imma qeghdin nitkellmu fuq prattikament fuq tribunal amministrattiv u mhu xejn stramb jew mhux mistenni illi fi sfera bhal din, issellifna principji mid-dritt

pubbliku Ingliz li, pero', wara kollox ma jistax jirreklama xi primat fl-iskoperta ta' drittijiet ta' gustizzja naturali peress illi dawn huma kuncetti illi kienu jezistu diga' fin-nozzjoni ta' dritt ferm qabel ma twieldet il-'common law' jew id-dritt pubbliku Ingliz kif nafuh illum.

Din il-Qorti tara illi trid tirrispetta l-volonta' tal-poter legislattiv tal-pajjiz li ha decizjoni li jikkreja Tribunal illi ghandu funzjoni u mansjoni ferm differenti minn dak ta' qorti tal-ligi u li ghandu jiddeciedi fuq bazi ta' gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita' kif ukoll ghandha d-dover illi tirrispetta l-volonta' tal-Parlament meta fil-promulgazzjoni tal-Kap 378 specifikament illimita d-dritt tal-appell ghal dawk il-kazijiet fejn it-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u inoltre dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella.

Jirrizulta illi l-ilment tal-appellant jirrigwarda l-mod kif it-Tribunal ghamel uzu minn espert partikolari li fil-fatt ma giex moghti l-inkarigu li jisma' provi u anqas fil-fatt ma sema' xi provi qabel ma ta l-pariri li effettivament ta lit-Tribunal. L-appellant jilmenta wkoll illi fil-fatt lanqas biss kellu c-cans li jivverifika dwar il-kwalifiki ta' l-espert.

Jirrizulta mill-atti processwali illi meta t-Tribunal appunta lill-espert biex jassistih, allavolja l-paragrafu 2 (c) tal-artikolu 23 tal-Kap 378 arbitru kemm jista' jkun ghandu jiddezisti milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu parir espert taghhom, wasal ghad-decizjoni illi nonostante l-oppozizzjoni ta' l-intimat u tal-att difensur tieghu jinnomina lill-istess espert ghall-fini biex jaghti parir biss u mhux biex jisma' provi. Dana t-

Tribunal kellu l-fakulta' li jaghmlu u ma jidhirx li hemm raguni biex din il-Qorti tahseb illi kif graw l-affarijiet, gie lez xi wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali kif tradizjonalment accettati fis-sistema taghha u li b'xi mod gie rekatt xi pregudizzju serju ghall-appellanti hlief li tilfu l-kaz quddiem it-Tribunal. Pero', dan mhux il-pregudizzju illi ghandu jittiehed minn din il-Qorti f'dan il-kaz partikolari stante li, kif inghad, hawnhekk non si tratta ta' vjolazzjoni ta' xi wiehed mill-principji tad-dritt naturali.

F'dawn ic-cirkustanzi din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief illi tiddikjara l-appell bhala irritu u null u konsegwentement ma tiehux aktar konjizzjoni tieghu. L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu tal-appellant.

Dep/Reg

mg